C/2025/2162

9.4.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11947 — AP / LGP / GREEN EPIC TOPCO)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/2162)

1. Fil-31 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Apax Partners LLP ("AP", ir-Renju Unit"),

— Leonard Green and Partners LP ("LGP", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— Green Epic Topco Holdings LP ("Target", l-Istati Uniti tal-Amerika), ikkontrollata minn LGP.

AP u LGP jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Target.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— AP hija soċjetà b'responsabbiltà limitata bbażata fir-Renju Unit u l-kumpanija omm ta' għadd ta' entitajiet, li tipprovdi servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment lil fondi ta' ekwità privata li jinvestu f'firxa ta' setturi tal-industrija. Il-fondi ta' investiment irrakkomandati minn AP huma attivi madwar id-dinja,

— LGP hija ditta ta' investiment fl-ekwità privata bbażata fl-Istati Uniti li tirrakkomanda u/jew tiġġestixxi fondi ta' investiment li jinvestu f'firxa ta' setturi tal-industrija. Il-fondi ta' investiment irrakkomandati/ġestiti minn LGP huma attivi madwar id-dinja, u b'mod partikolari, fl-Istati Uniti,

— Target hija fornitur ta' software bbażata fl-Istati Uniti fil-qasam tas-Software ta' Applikazzjoni għall-Intrapriżi, b'mod partikolari l-Ippjanar tar-Riżorsi għall-Intrapriżi. Target hija prinċipalment attiva fl-Istati Uniti b'attivitajiet minuri fl-UE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11947 — AP / LGP / GREEN EPIC TOPCO

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË